**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru: 168/2014 MLF**

**Christopher Camilleri u Clint Camilleri**

**vs**

**Kristina Marie Bartolo**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' erba' t'elef, tmien mija, sitta u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€4,836.71) rapprezentanti l-bilanc dovut ghal xoghol u ghal materjal ipprovdut lilha gewwa l-appartament taghha f'Pembroke, fuq l-inkarigu taghha stess u li baqghet ma hallsitx anke wara diversi weghdi ta' hlas u wara diversi interpellazzjonijiet inkluza *Request for Payment* datata t-13 ta' Frar, 2014.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

i. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi r-rikorrent Clint Camilleri qatt ma nghata xi inkarigu da parti tal-esponenti u b'hekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-istess rikorrent u l-esponenti;

iii. Illi subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mhux dovut;

iv. Illi permezz tat-talba odjerna qeghdin jigu reklamati hlas dwar appalt li ma giex esegwit;

v. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghandhom iressqu prova dwar l-ammont minnhom reklamat;

3. Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014[1] fejn din il-Qorti idderigiet li l-provi mressqa jigu limitati ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet biss.

4. Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2017[2] fejn din il-Qorti, *inter alia*, ordnat l-isfilz tad-dokument anness mal-affidavit tal-attur Christopher Camilleri li gie mmarkat bhala Dok CC1[3], u konsegwentement ordnat ukoll l-isfilz tad-dokumenti mmarkati bhala Dok BC1-3[4] annessi mar-risposta tal-atturi tat-23 ta' Jannar 2017.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumentipprezentati u l-atti kollha tal-kawza.

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta.

## Il-Fatti

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

---

[1] Ara dan il-verbal a *fol.* 10 tal-process
[2] Ara dan id-digriet a *fol.* 94 tal-process
[3] Ezebit minn fol 38 sa *fol.* 39 tal-process
[4] Ezebiti minn fol 87 sa *fol.* 90 tal-process

i. Permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, il-konvenuta u Reno Abela akkwistaw l-appartament numru sebgha, fi Blokk A tlieta (A3), fi Triq P. D'Armenia, Pembroke, u dan taht it-termini u l-kundizzjonijiet hemmhekk imsemmija.[5]

ii. Dak iz-zmien l-appartament kien fi stat ta' gebel u saqaf u ghalhekk xi zmien fis-sena 2011 il-konvenuta, tramite missierha, avvicinat lill-attur Christopher Camilleri u inkarigatu jaghmel xogholijiet ta' dawl, ilma u *plumbing* gewwa dan l-appartament.

iii. Il-konvenuta xehdet li l-attur Christopher Camilleri kien beda x-xogholijiet u li qatt ma kien hemm problemi dwar hlasijiet. Qalet li f'Awwissu tas-sena 2011 ir-relazzjoni li kellha ma' Reno Abela spiccat, u madwar tmien gimghat wara kienet tat struzzjonijiet lill-haddiema kollha sabiex ma jkomplux jesegwixxu x-xogholijiet fl-appartament u talbithom johorgu l-kontijiet dovuti sa dakinhar. Xehdet li ghal habta ta' Novembru tas-sena 2011 l-attur Christopher Camilleri kien talabha thallsu s-somma ta' €1,000 u li hi kienet hallsitu tali somma.

iv. Il-konvenuta kompliet tghid li imbaghad ghall-habta ta' Ottubru tas-sena 2013 kienet irceviet telefonata minghand l-attur Christopher Camilleri fejn kien infurmaha li kien ghad irid jithallas ta' xi xogholijiet li kien ghamel go l-appartament taghha u li ghalhekk kellu bzonn jaccedi fl-appartament biex ikejjel ix-xogholijiet. Il-konvenuta xehdet ukoll li lill-attur Clint Camilleri ma tafux u li qatt ma tatu ebda nkarigu.[6]

v. L-attur Christopher Camilleri xehed li huwa jopera negozju ta' dawl, ilma u *plumbing* flimkien mal-attur l-iehor Clint Camilleri. Qal li l-konvenuta kienet hallset €1,000 bhala depozitu qabel ma bdew ix-xogholijiet u pagament iehor ta' €1,000 wara Awwissu tas-sena 2011. Spjega li huwa dejjem wera' lill-konvenuta li din is-somma kienet ghal parti mix-xoghol u li ghalhekk kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Qal li meta spiccat ir-relazzjoni li l-konvenuta kellha

[5] Ara l-kuntratt immarkat bhala KB1 a *fol.* 17 tal-process
[6] Ara l-affidavit tal-konvenuta a *fol.* 15 tal-process

ma' Reno Abela, huwa kien isegwi s-sitwazzjoni tal-konvenuta u meta kien jitkellem ma' missierha, dan kien jghidlu li kien hemm proceduri pendenti fil-Qorti bejn il-konvenuta u dan Reno Abela. Qal li ftit zmien wara l-konvenuta riedet tkompli bix-xoghol u kienet qaltlu li riedet taghlaq il-kont li kellha u tiftah kont gdid. Qal li hu u l-attur l-iehor riedu jidhlu fl-appartament biex ikunu jistghu jaghmlu rendikont cert tax-xogholijiet esegwiti, izda l-konvenuta baqghet ma tathomx access u ghalhekk fit-13 ta' Frar, 2014 l-atturi hargu *Request for Payment* lill-konvenuta ghall-ammont mertu ta' din il-kawza.[7] Christopher Camilleri xehed li l-konvenuta kienet qaltlu li ser thallas nofs dan l-ammont, izda baqghet ma hallset xejn.[8]

vi. L-attur Clint Camilleri ikkonferma li huwa jopera n-negozju bhala shab flimkien ma' l-attur l-iehor Christopher Camilleri. Xehed li l-kuntatt mal-konvenuta kien jaghmlu Christopher Camilleri u li hu kien iltaqa' mal-konvenuta wara li kienet intemmet ir-relazzjoni taghha mal-gharus li kellha, u hemmhekk gew diskussi x-xogholijiet kellhom isiru.[9]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni tal-konvenuta – dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kodici Civili*

8. Huwa risaput li meta l-konvenut jecepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tezamina jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex applikabbli ghall-fattispecie partikolari tal-kaz taht ezami, u f'dik l-eventwalita' tghaddi biex tiddetermina minn meta tali terminu preskrittiv beda jiddekkorri u jekk mill-provi jirrizultax li l-istess terminu giex b'xi mod sospiz jew interrott.

9. F'dan il-kaz, il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili, liema artikoli jipprovdu hekk:

---

[7] Ara r-*Request for Payment* immarkat bhala Dok A a *fol.* 2 tal-process
[8] Ara l-affidavit ta' Christopher Camilleri a *fol.* 36 tal-process
[9] Ara l-affidavit ta' Clint Camilleri a *fol.* 40 tal-process

> *"**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu;*
>
> ***2149.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu"*

10. Permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qeghdin jitolbu hlas allegatament dovut lilhom mill-konvenuta ghal xoghol ta' dawl, ilma u *plumbing* minnhom maghmul fl-appartament taghha u ghall-materjal minnhom fornit waqt l-andament ta' dawn ix-xogholijiet.

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **George Zammit vs Teresa Bonnici noe** moghtija fis-27 ta' Mejju 1957, il-Qorti ta' l-Appell spjegat illi d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2254(a) tal-Kodici Civili (illum 2149(a)) *"tolqot l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra tal-injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu. Imma ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in generali, izda tal-fornituri li jsiru minn kostrutturi ta' bastimenti u ta' kuntratturi, ossija appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opra fornew ukoll il-materjali mehtiega."*

12. Fis-sentenza fl-ismijiet **Domenico Bezzina pro et noe vs John Said** moghtija fl-4 ta' Marzu 1958, il-Qorti tal-Kummerc spjegat id-distinzjoni bejn l-Artikolu 2253(a) u 2254 (a) tal-Kodici Civili (illum 2148(a) u 2149(a) rispettivament) u rriteniet:

*"Illi d-disposizzjonijiet tal-Art. 2253 tal-Kodici Civili nvokata mill-konvenuti, li bis-sahha taghha jaqghu bil-preskizzjoni bl-gheluq ta' tmintax il-xahar l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu, mhix applikabbli ghal dawk li jezercitaw impriza, ghal kreditu taghhom ghall-opri minnhom ezegwiti u ghall-materjal li jforni. Ghal dawn il-krediti hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn stabbilita fl-art. 2254 tal-istess Kodici citat, fejn jinghad li jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' l-injam, gebel jew materjal li jfornu. Dan ghaliex id-disposizzjoni kontenuta fl-art. 2253 tirriferixxi ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opra taghhom, fil-waqt illi d-disposizzjoni kontenuta fl-art. 2254 tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – "opus" - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet."*

13. Ghalhekk filwaqt li l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili tirreferi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom, dik *ai termini* tal-Artikolu 2149(a) tirreferi ghall-krediti ta' appaltaturi li flimkien mal-opra taghhom ikunu fornew ukoll il-materjal. F'dan il-kaz huwa evidenti, kemm mit-termini tar-rikors promotur u wkoll mid-dokument esebit mieghu, illi t-talba tal-atturi m'hijiex limitata ghall-hlas ta' kreditu ghall-prestazzjoni tal-opra taghhom, izda tinkludi wkoll talba ghall-fornitura tal-materjal biex setghu jigu ezegwiti dawn ix-xogholijiet. Ghaldaqstant f'dan il-kaz il-preskizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn mahsuba fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u mhux dik ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-Artikolu 2148(a) tal-istess Kodici.

14. Imiss issa li jigi stabbilit minn meta beda jiddekkorri dan it-terminu preskrittiv ta' sentejn. Il-verzjoni tal-konvenuta dwar meta spiccaw ix-xogholijiet hi li f'Awwissu tas-sena 2011 kienet intemmet ir-relazzjoni mas-sieheb li kellha u madwar tminn gimghat wara kienet tat struzzjonijiet lill-haddiema biex ma jkomplux bix-xogholijiet. Tghid ukoll li ghal habta ta' Novembru 2011 kienet hallset lill-attur Christopher Camilleri s-somma ta' €1,000 ghaliex din kienet is-somma li kien talabha thallsu, u minn dakinhar il-quddiem ma sarux aktar xogholijiet.

15. Da parti tieghu l-attur Christopher Camilleri ghalkemm jikkoncedi li kien thallas tali somma *"wara Awwissu tas-sena 2011"*, jghid ukoll li *"L-inkarigu taghna qatt ma tnehha u l-anqas qatt ma gie ssuggerit lilna minn Kristina jew minn missierha illi ghandna nieqfu mix-xoghol taghna. Ghalhekk ahna dejjem bqajna nahdmu fil-post taghhom."*[10] Madankollu fil-fehma tal-Qorti din il-verzoni ta' Christopher Camilleri tistona ma' dak li jghid l-istess attur u cioe' li "*Tul is-sentejn ta' qabel ma ftahna l-kawza jiena dejjem bqajt insegwi s-sitwazzjoni u c-cirkustanzi ta' Kristina u dan peress illi meta kont nitkellem ma' missierha dan kien dejjem jghidli xi problemi ghandha t-tifla tieghu u li kienet ghaddejja b'kawza ma' Reno l-eks boyfriend taghha…*". Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dak li jghid Christopher Camilleri f'din il-parti tal-affidavit tieghu huwa indikazzjoni li fil-perjodu ta' sentejn qabel inbdew dawn il-proceduri, l-atturi ma wettqu ebda xogholijiet fil-fond tal-konvenuta, tenut kont tal-fatt ukoll li mill-provi jirrizulta li tul dan iz-zmien l-atturi lanqas biss kellhom access ghall-fond tal-konvenuta u ghalhekk certament li ma setghux jissoktaw bix-xogholijiet. Jekk kif jghid Christopher Camilleri l-inkarigu tal-atturi ma giex mitmum, allura ma kienx ikun hemm il-htiega li jikkomunika ma' missierha biex isegwi *"*s-sitwazzjoni*"* tal-konvenuta.

16. Meta mqabblin iz-zewg verzjonijiet tal-partijiet, ghal din il-Qorti hija ferm aktar kredibbli u verosimili l-verzjoni tal-konvenuta, u cioe' li x-xogholijiet kienu waqfu ghal habta ta' Novembru tas-sena 2011 u li dak iz-zmien hija kienet ghaddiet l-ahhar pagament ta' €1,000 lill-attur Christopher Camilleri. Ghalhekk huwa evidenti li t-terminu preskrittiv beda jiddekorri minn dik id-data.

17. Imiss issa li jigi ezaminat jekk dan it-terminu tal-preskrizzjoni giex b'xi mod sospiz jew interrott. Mill-atti ma jirrizultax li effettivament l-atturi pprezentaw xi att ufficjali fil-konfront tal-konvenuta sabiex iwaqqfu il-perjodu preskrittiv milli jiddekorri. Ghalkemm huwa minnu li a tenur tal-Artikolu 2131 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, f'dan il-kaz it-talba gudizzjarja giet ipprezentata fid-9 ta' Mejju 2014 u ghalhekk ferm wara li kien iddekorra t-terminu ta' sentejn, li kif rajna beda ghaddej minn Novembru tas-sena 2011.

[10] Ara l-affidavit ta' Christopher Camilleri a *fol.* 36 tal-process

18. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jipprovdi ghal cirkostanza ohra kif il-perjodu preskrittiv jista' jinkiser u cioe' jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja. Dwar fuq min jaqa l-oneru li jipprova r-rikonoxximent tad-dritt u kif tali rikonoxximent ghandu jirrizulta, fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** moghtija nhar id-9 ta' Frar 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] spjegat li *"Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att; Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti."*

19. F'din is-sentenza, dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghall-sentenza ohra fl-ismijiet **Giovanni Bezzina et vs Lucrezia Formosa** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12] nhar l-1 ta' Lulju 1939, fejn gie precizat illi *"... ... (L)-ezami tal-Qorti ghandu jkun dak li jigi accertat jekk l-atturi, konfrontati b'dina l-eccezzjoni, irnexxilhomx jippruvaw l-interruzzjoni: u jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza ma hiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."*

20. F'dan il-kaz, il-konvenuta tghid li l-ewwel komunikazzjoni li saret bejn il-partijiet wara Novembru tas-sena 2011 kien meta rceviet telefonata minghand l-attur Christopher Camilleri ghal habta ta' Ottubru tas-sena 2013, u li dak iz-zmien kienet qaltlu li ma kellha tatih xejn.

21. Minn naha l-ohra, fl-affidavit tieghu l-attur Christopher Camilleri xehed li meta kien ta lill-konvenuta l-kont datat 13 ta' Frar 2014,[13] l-konvenuta kienet qalet li ser thallas nofsu pero' baqghet ma hallsitux. Imbaghad fix-xhieda tieghu in kontro-ezami dawwar din il-verzjoni u qal li l-kont li l-konvenuta kienet qaltlu li ser thallas nofsu ma kienx

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[12] *Per* Imhallef William Harding
[13] Fl-affiavit tieghu Christopher Camilleri jirreferi ghal dan il-kont bhala "*(Dok. A diga in atti)*"

dak anness mar-rikors promotur izda kont iehor, u li dwar il-kont datat 13 ta' Frar 2014 li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna u li gie skambjat tramite l-avukati difensuri tal-partijiet, il-konvenuta ma kienet tatu l-ebda risposta.[14] Ghal Qorti dan in-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda tal-attur Christopher Camilleri jkompli jdaghjjef il-kredibilita' tax-xhieda tieghu, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta l-verzjoni tieghu bhala veritiera.

22. Ir-rikonoxximent stabbilit fl-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili irid isir permezz ta' dikjarazzjoni esplicita jew xi fatt iehor li jimplika l-konvenut qieghed jaghraf il-jedd pretiz mill-attur. Id-dikjarazzjoni tal-attur Christopher Camilleri msemmija fil-paragrafu precedenti ma hijiex sufficjenti sabiex din il-Qorti tkun konvinta li dan id-diskors minn naha tal-konvenuta fil-fatt sar. Fl-atti ma hemm ebda prova li tista' b'xi mod issahhah il-verzjoni tal-atturi li l-konvenuta irrikonoxxiet id-dejn li huma jippretendu li kellha. Lanqas ma rnexxielhom jistabbilixxu z-zmien meta sar ir-rikoxximent tad-dejn minnhom allegat.

23. Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti ser tilqa' limitatament l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara l-azzjoni bhala preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

24. In vista ta' dan, ma hemmx lok li l-Qorti tinoltra ruhha dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddecidi billi:

    1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta limitatament in kwantu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ibbazata fuq l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

    2. Tilqa' ghall-kumplament l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

[14] Ara l-kontro-ezami ta' Christopher Camilleri a *fol.* 59 sa 63 tal-process

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-atturi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**